# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2696

**Kaz Numru 3393/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Antoinette Farrugia (ID 433793 M)**

**u**

**Optical (CCSG) Co. Ltd. u Classic Group Ltd.**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 13 ta' Jannar, 2021**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Antoinette Farrugia fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-24 t'Awwissu, 2015, fejn sostniet li l-impjieg taghha ma giex itterminat effettivament fuq bazi ta' *redundancy*, izda ghal ragunijiet ohra li jiksru l-ligi. Is-Socjeta' Ntimata Optical (CCSG) sostniet li l-Appellanti kienet giet *redundant*. Classic Group min-naha l-ohra sostniet li l-Appellanti qatt ma kienet impjegata maghha.

It-Tribunal preliminarjament kellu jiddeciedi jekk it-transazzjoni kummercjali li sehhet bejn iz-zewg kumpaniji ntimati kienetx tikkostitwixxi 'Trasferiment ta' Negozju'.

It-Tribunal kien iddecieda li t-transazzjoni li saret bejn iz-zewg kumpaniji kienet tikkostitwixxi 'Trasferiment ta' Negozju'. Din id-decizjoni kienet giet appellata miz-zewg kumpaniji, izda l-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat dak deciz minn dan it-Tribunal.

Sabiex wasal ghad-decizjoni finali, dan it-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm hdax-il seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, l-istennija sakemm gie deciz l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell tad-decizjoni preliminari, il-waqfien temporanju kagunat mill-pandemija Covid-19, in-numru ta' seduti u differimenti mitluba miz-zewg partijiet.

- **Rapprezentanza**

Antoinette Farrugia li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' l-Avv. Yanika Vidal, l-Avv. Damian Cassar u l-Avv. Marion Camilleri.

Ghall-Optical (CCSG) Co. Ltd., deher Stefan Stilon assistit minn Dr Josette Grech u Dr Veronica Perici Calascione u ghall-Classic Group deher Paul Fenech assistit minn Dr Kevin F. Dingli.

- **Il-kaz fil-qosor**

L-Appellanti kienet giet ingaggata mall-kumpanija Optical (CCSG) Co. Ltd., nhar l-1 ta' Jannar, 2010, bhala *Optical Sales Assistant.*

Dan l-impjieg kien gie fi tmiemu minhabba *redundancy* nhar is-26 t'April, 2015, u dan peress li l-MIA ma kienetx estendiet il-kuntratt sabiex il-kumpanija setghet tibqa' topera dan il-*business concern* mil-lok fejn kienet. Minflok, l-MIA ghamlet kuntratt ma' Classic Group. Minhabba f'hekk Optical (CCSG) Co. Ltd., iddikjarat li ma setghetx tkompli topera n-noegozju taghha. L-Appellanti kienet giet pre-avvizata bit-temm tal-impjieg taghha minn m'Optical (CCSG) Co. Ltd., permezz t'ittra datata 8 ta' Dicembru, 2014.

L-Appellanti kienet giet intervistata ghall-impjieg mall-kumpanija Classic izda b'kundizzjonijiet differenti. L-Appellanti ma kienetx qablet mat-tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha u konsegwentament ma gietx impjegata ma' Classic.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**George Mallia** xehed li huwa mpjegat fil-kariga ta' *Head of Retail & Property* mall-Malta International Airport. Huwa spjega li fir-responsabilitajiet tad-dipartiment tieghu ssir il-preparazzjoni ta' *tenders* jew negozjar ma' partijiet involuti, jigu evalwati proposti u jtellghu r-rakkomandazzjonijiet lill-Bord. Ix-xhud qal li jkun sta ghall-Bord tad-Diretturi jimxix fuq ir-rakkomandazzjonijiet jew le, meta jiehu d-decizjoni finali. Ix-xhud spjega li z-zewg socjetajiet intimati kellhom kuntratt kummercjali separat mall-MIA biex joperaw kategoriji differenti u jbieghu l-prodotti taghhom.

Ix-xhud stqarr li meta gie fi tmiemu l-kuntratt mall-Optical ma kienetx harget sejha pubblika. Ix-xhud kompla li meta spicca t-terminu tal-kuntratt mall-Optical kienu dahlu f'negozjati ma' diversi operaturi fosthom kemm ma l-istess Optical u anke ma' Classic sabiex jikru l-*area*.
Ix-xhud spjega li n-negozju ta' Optical kien li jbieghu nuccalijiet u joffru *optical services* u cjoe nuccalijiet tal-vista. Huwa qal li meta ntemm il-kuntratt ma' Optical, il-bejgh tan-nuccalijiet beda jsir minn Classic. Ix-xhud spjega li meta tinkera *area*, l-kuntratt ikun jispecifika x'bejgh ikun irid isir minn dak l-*outlet*.
Ix-xhud kompla li m'huwiex konxju minn xi diskussjonijiet li saru bejn Optical u Classic. Ix-xhud irrijafferma li ftit qabel skada l-kuntratt mall-Optical, l-MIA kienet tkellmet ma' diversi operaturi nkluz l-Optical.
Ix-xhud qal li wara dawn id-diskussjonijniet mall-operaturi vari, huma kienu rrakomandaw li l-kuntratt jinghata lill-Classic u l-Bord approva din ir-rakkomandazjoni.
Huwa spjega li f'dan il-kuntest fejn qabel kienu zewg kuntratti separati, f'dan il-kaz gie amalgamat kollox f'kuntratt wiehed ma' Classic peress li z-zewg *areas* gew mikrija lilhom. Ix-xhud kompla li f'dan il-kuntratt ma' Classic, (u dan fir-rigward tal-*area* minn fejn qabel kienet topera l-*outlet* l-Optical u liema *area* issa giet tinkorpora l-*outlet* li qabel kienet topera minnu Classic), hemm li jrid jinbiegh '*eyeware*'.

**Peter Griffiths** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa *Managing Tax Director* tad-ditta Griffiths & Associates, li hija kumpanija tal-awdituri. Huwa qal li d-ditta tagixxi bhala awdituri tal-Optical (CCSG) Ltd.
Huwa qal li milli gie ndikat mid-Diretturi tal-kumpanija Optical (CCSG) jridu jxoljuwha, fejn talbu taghrif kif jimxi l-*liquidation process*. Huwa qal li d-ditta tieghu ma taghmilx xoghol ma' Classic Group.

**Paul Fenech** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa *Manging Director* tal-kumpanija Classic Group Limited u kien *Shareholder/Director* fis-CCSG. Huwa qal li fl-1999 flimkien ma' Class Company Ltd., li hija kumpanija li tispecjalizza fin-nuccalijiet iffurmaw il-kumpanija Optical (CCSG) Ltd., fejn kellhom terz mix-*shareholding*. Huwa spjega li din il-kumpanija kienet rebhet *concession* sabiex topera gewwa l-ajruport ghal 5 snin u cjoe 31/12/2009 sa 31/12/2014. F'dan l-istant ix-xhud gie muri kopja tal-kuntratt li CCSG kellha mall-MIA (kopja esebita).
Huwa spjega ukoll li fl-istess zmien Classic Group li joperaw bhala *jewellers* ukoll kellha tlett hwienet taghha fl-ajruport b'terminu kuntrattwali ta' 8 snin. Ix-xhud kompla jispjega li wara li ghalaq iz-zmien ta' CCSG, huma bhala Classic tefghu *tender* u rebhuha. Huwa spjega li l-uniku *dealing* li ghamlu ma' CCSG kien dwar ix-xoljiment ta' dik il-kumpanija cjoe l-istess CCSG.
Dwar l-Appellanti, x-xhud qal li hu jafha bhala wahda mill-impjegati tas-CCSG. Ix-xhud qal li 'in segwitu' tar-rebh ta' din it-*tender* it-tlett impjegati ta' CCSG,

fosthom l-Appellanti saritilhom *interview*. Ix-xhud tenna li '… Allura dawn kienu zejda….. flok waqqafnihom dawn tfajnihom f'hanut simili jiehdu *training* fuq jewellery.' Ix-xhud qal li wara dan il-process l-Appellanti ma gietx impjegata. Huwa qal li jiftakar li hija kienet qajjmet xi haga dwar li riedet kollox '*by the book contract*', u f'dan l-isfond stqarr li hu ghandu 20 impjegat u minn dak il-lat qatt ma kellu nkwiet. Ix-xhud wara ghaddha sabiex qara min ittra li kienet inghatat lill-impjegati ta' CCSG bhala avviz tat-terminazzjoni tal-impjieg taghhom fejn fost affarijiet ohra kienu nfurmati li Classic Group Ltd., kienet qablet li kienet ser timpjegahom appena jispiccaw minn ma' CCSG. Ix-xhud ikkonferma li l-ittra kienet iggib il-firma tieghu u qal li kopji ta' din l-ittra kienu gew mghoddjia lil Stefan Stilon li kien Direttur u kien imexxi l-hanut sabiex jghaddiha lill-impjegati.
Huwa spjega li ma' CCSG kien *Director* u ma' Classic huwa *Managing Director*. Huwa spjega li meta bdew joperaw Classic mill-*concession* li kellha CCSG ma baqghux ibieghu nuccalijiet tal-vista izda dawk tax-xemx biss.
Ix-xhud qal li l-kuntratt tal-*concession* ta' CCSG ghalaq fil-31 ta' Dicembru 2014 u dak ta' Classic ghall-istess *concession* beda fl-1 ta' Jannar 2015. Huwa spjega pero' li ghal tlett xhur (Jannar-Marzu 2015) l-hanut baqa' jopera minn CCSG u l-impjegati baqghu jithallsu minnha.
Ix-xhud qal li fir-rigward tal-Appellanti huma ma keccewhiex, izda li huma kienu qed jistennew minghandha jekk kienetx ser tieqaf jew ser tkompli.

**Karl Micallef** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *CEO* ma' Classic Group. Huwa stqarr li ma kellu x'jaqsam xejn mar-relazzjoni li CCSG kellha ma' Classic, pero' kien jaf li dawn kellhom hanut imiss ma' xulxin u li Classic kellha 33% *shareholding* f'CCSG., bid-Direttur ikun Peter Fenech.
Ix-xhud kompla li lejn l-ahhar tal-2014, huma kienu gew avvicinati mill-Airport sabiex jaraw jekk Classic kienux interessati joperaw l-ispazju shih ghaliex l-intenzjoni taghhom kienet li jkollhom hanut wiehed u mhux zewg *outlets* b'hajt trasparenti. Huwa qal li huwa kien innegozja f'din l-affari. Ix-xhud kompla li sa fejn jaf hu l-MIA kienu qed jiddiskutu dwar dan ma' zewg kumpaniji ohra. Huwa qal li wara n-negozjati kien gie ffirmat ftehim mall-MIA u wara ghamlu tibdil ta' kostruzzjoni fil-hanut fejn anke biddlu l-isem. Huwa qal li f'dan il-kuntratt is-CCSG ma dahlux anzi x-xhud qal li f'din l-affari huma kienu kompetituri. Ix-xhud stqarr li ma jaf bl-ebda ftehim li sar bejn il-Classic u s-CCSG. Ix-xhud qal li lill-Appellanti jafha bhala mpjegata ta' CCSG u kien jaraha meta kien jghaddi l-hanut peress li kien isiefer spiss. Huwa qal li zewg ufficcjali ta' Classic (Alf.Anastasi u Malcolm Micallef) kienu ghamlu ntervisti lit-tlett impjegati li kienu ma' CCSG fosthom l-Appellanti u dan sabiex jghidulhom bil-kundizzjonijiet li ghandha Classic li thaddem il-fuq minn mitt ruh.
Ix-xhud qal li wara dawn l-intervisti dawn l-ufficjali kienu rrakkomandawlu sabiex jimpjegaw lil tnejn minnhom u lill-Appellanti ma jimpjegawhiex. Ix-xhud qal li minkejja dan huwa ghazel li jitkellem maghha personalment sabiex ikun jaf

il-*concerns* taghha. Ix-xhud kompla li f'din il-laqgha li kellu maghha kien qalilha sabiex tissaporti dawn il-kundizzjonijiet offruti u talabha thares il-quddiem ghaliex kellha fejn timrah.
Huwa qal li l-laqgha ntemmet b'qisu ftehim tant li hu qalilha li issa ser tiltaqa ma' min kien il-*Manager* sabiex ikunu finalizzati l-affarijiet. Huwa qal li l-*concern* principali li hija kellha kien li ma' CCSG hija kellha grad ta' *Manager* u kienet qed tippretendi li zzomm dak it-titlu u riedet tahdem biss fuq in-nuccalijiet.
Ix-xhud qal li hu spjegalha li f'dak il-mument dan ma setax isir. Huwa qal li f'dak l-istant l-Appellanti kienet qaltlu li kellha offerti fejn tahdem. Ix-xhud qal li mall-Appellanti qatt ma tkellem dwar hlas ta' taxxa.
Ix-xhud qal li wara, z-zewg ufficjali gharrfuh li wara li kienu regghu ltaqghu maghha, huma baqghu ta' l-istess fehma li hija (l-Appellanti) ma tigiex impjegata u fil-fatt kompla x-xhud, din qatt ma giet impjegata ma' Classic.
Ix-xhud ikkonferma li l-interess f'dik il-*concession* wasal ghaliex CCSG kien ser jaghlqilha l-*leasing agreement* li kellha mall-MIA. Ix-xhud ikkonferma ukoll li wahda mill-kundizzjonijiet li ghamlulhom l-MIA kienet dwar x'kellu jinbiegh minn din il-*concession*.
Huwa qal li gieli kien jitkellem ma' l-Appellanti dwar kif kien sejjer ix-xoghol pero' dan kien ikun fuq bazi kazwali. Dan qal filwaqt li kkonferma li qabel ma hadu l-*concession* l-ohra, Classic ma kienux ibieghu nuccalijiet tax-xemx.
Ix-xhud ikkonferma li Paul Fenech kien Direttur f'CCSG u fi Classic kien *Managing Director*.

**Alfred Anastasi** xehed li huwa mpjegat ma' Classic bhala *Manager* u jiehu hsieb il-hwienet tal-ajruport. Huwa qal li kien iltaqa' mall-Appellanti meta kien gie mitlub mill-*HR* sabiex jaghmel xi *interviews* ghax kellhom xi *vacancies*. Ix-xhud qal li kien iltaqa' maghha darbtejn, darba waqt l-*interview* propja u wara, meta nfurmawha li ma kienitx giet maghzula. Huwa kkonferma li hija ma kienitx giet impjegata ma' Classic ghaliex ma kienetx tiffittja fir-*role*. Ix-xhud qal li waqt l-*interview* ma kienx hemm kwistjoni fuq taxxa u l-anqas tkellmu dwar il-paga.
Ix-xhud qal li meta kien qed jipprepara ghal dawn l-*interviews* ma kienx konxju li l-impjegati tas-CCSG kienu rcevew ittra fejn kellhom miktub li kienu ser jigu mpjegati ma' Classic.
Ix-xhud spjega li l-*area* li kienu joperaw minnha l-hwienet ta' CCSG u Classic kien spazju komuni b'entratura wahda. Huwa qal li kien jara lill-Appellanti tbiegh in-nuccalijiet.

**Joseph Saliba** rapprezentant tal-Jobsplus ipprezenta kopja tal-'*employment history'* tal-Appellanti li kienet tindika li l-impjieg taghha minn ma' CCSG kien intemm fis-26 t'April 2015, bir-raguni ta' tali temm tal-impjieg indikata bhala '*redundancy business closed down*'.
Ix-xhud ikkonferma li tali raguni tkun giet miktuba mill-*Employer*. Mitlub jikkonferma jekk kienx hemm xi kontestazzjoni min-naha tal-Appellanti dwar

dik ir-raguni, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Dwar '*registration history'* tal-Appellanti, x-xhud qal li din ma ghandhiex ghaliex qatt ma rregistrat ghax-xoghol mall-Jobsplus bhala persuna li qieghda tfittex xoghol.

**Antoinette Farrugia** xehdet li hija bdiet l-impjieg taghha ma' CCSG fl-2008, fejn hija kienet taf lis-Sur Fenech, lis-Sur Stilon u lis-Sur Tua bhala *shareholders*. Hija qalet li mil-lok fejn kienet tahdem kienu jbieghu nuccalijiet tax-xemx u '*optical frames'*. Ix-xhud kompliet li l-hanut minn fejn kienu joperaw minn spazju komuni fejn kien hemm ukoll il-Classic Jewellers. Hija qalet li ma kien hemm xejn x'jifred liz-zewg hwienet u bhala mpjegati taz-zewg hwienet gieli kienu jghinu lil xulxin.
Hija qalet li s-Sur Fenech kien izur il-hanut taghhom darba fil-gimgha sabiex jara is-'*sales records'*. Ix-xhud qalet li huwa kien imur ukoll fil-parti tal-Classic.
Ix-xhud kompliet li Karl Micallef ukoll kien izur il-hanut. Hija kompliet li f'attivitajiet socjali bhal tal-Milied l-impjegati taz-zewg hwienet kienu jkunu flimkien, tant li Micallef kien qalilha li huwa kienu ser ikunu hanut wiehed jahdmu ma' Optics.
Ix-xhud qalet li waqt l-impjieg taghha ma' CCSG, is-salarju taghha kien jigi minn Classic Group. F'dan il-kuntest ix-xhud ipprezentat dokument datat 17 ta' Novembru 2014 u li kien gej minghand Diane Grima li kienet impjegata ma' Classic u li kienet tahdem il-pagi taghha (tax-xhud).
Ix-xhud kompliet li hija u z-zewg impjegati l-ohra Caroline Debono u Christine Vella kienu gew infurmati mis-Sur Stilon li l-parti fejn jinbieghu n-nuccalijiet kienet ser taghlaq u li kienu ser jigu '*taken over'* minn Classic Group. F'dan il-kuntest hija ghamlet referenza ghall-ittra f'dan is-sens iffirmata minn tlett Diretturi li kienu nghataw minn Alfred Anastasi. Hija qalet li din l-ittra datata 8 ta' Dicembru 2014, kienet inghatatilhom xi xahar qabel it-terminazzjoni tal-impjieg.
Ix-xhud spjegat li din l-ittra kienet tinfurmahom li l-MIA ma kienetx estendiet il-ftehim mall-kumpanija sabiex tibqa' topera mill-ajruport u li l-impjieg taghhom ma kienx aktar mehtieg u li huma kienu ser jigu '*re-employed'* ma' Classic Group b'sehh immedjat minn meta jintemm l-impjieg minn ma' CCSG. Hija qalet li tali ittra kienet iffirmata minn Stillon, Fenech u Tua.
Ix-xhud kompliet li kienet infurmata minn *manager* Alfred Anastasi bhala rapprezentant ta' Classic Group li kienu ser jaghmlulha *interview,* u li kien qalilha li din kienet procedura tal-kumpanija.
Hija qalet li Anastasi kien hadha ghand Tua fil-hanut ta' Classic f'Valletta. Hija qalet li f'din l-intervista kellmuha dwar l-impjieg u li jekk kienet interessata kien ukoll jinvolvi li tmur l-Ingilterra sabiex jinxtraw nuccalijiet tax-xemx.
Hija kompliet li xi gimgha wara kienet infurmata minn Agnes Agius l-*HR* ta' Classic li kien ser ikollha ntervista ohra dwar is-salarju u affarijiet ohra. Spjegat li f'din il-laqgha kien hemm prezenti Malcolm Micallef, hu Karl u l-*HR Manager*. Hija qalet li din il-laqgha saret fil-Costa Café tal-ajruport. Hija

kompliet li f'din il-laqgha l-*HR* qaltilha li l-'*overtime*' kien ser jithallas bir-rata 1:1 u li tali hlas ma kienx ser ikun taxxabbli.
Ix-xhud sostniet li hija riedet li kollox ikun taxxabbli u nsistiet li dak kollu li kien qed jinghad lilha jkun miktub fil-kuntratt.
Ix-xhud kompliet li wara gimgha regghet cemplitilha l-*HR* Agius ghall-*interview* ohra dwar l-attitudni. Ix-xhud stqarret li kienet ixxokjata dwar dan, u rrejalizzat li kienu ser ikellmuha dwar li ma kienetx qablet li s-sahra tkun 1:1 u dwar tat-taxxa. Hija qalet li f'din l-intervista bdiet thoss li xi haga kienet sejra hazin. Izda stqarret li wara kompliet tahdem normali.
Ix-xhud spjegat li fl-ahhar intervista li kienet saret ma' Malcolm u l-*manager* Alfred xi gimgha qabel ma spiccat, fejn infurmawha li ma kienetx ser tkun impjegata maghhom. Ix-xhud qalet li malli rceviet din l-ahbar kienet pronta kellmet lill-*Manager* tad-*Duty Free Shop*, fejn kienet qaltlu li ma kienux ser izommuha fl-impjieg. Hija kompliet li kienet kellmitha Isabelle tal-*HR* Nuance fejn qaltilha li setghet tibda maghhom mit-Tnejn ta' wara.
Ix-xhud sostniet li ma nghatat l-ebda raguni ghal din id-decizjoni u kienet sorpriza ghaliex iz-zewg impjegati l-ohra kienu gew impjegati warajha u fl-istess hin nies ohrajn kienu qeghdin jaghmlu *interviews* ma' Classic sabiex jigu mpjegati.
Ix-xhud kompliet li fl-*interview* li kellha fejn giet diskussa l-paga, qalet li kienet talbet li din tizdied jew tinghata *allowance* peress li kien ser ikollha issiefer. Hija stqarret li tahseb li din kienet ir-raguni ghaliex ma mpjegawhiex, izda qatt ma qalulha hekk, ghaliex li kieku kien il-kaz xorta kienet taccetta li tibqa' tahdem maghhom.
Ix-xhud sostniet li fis-snin li ghamlet tahdem ma' CCSG qatt ma kellha problemi fuq xejn u wisq anqas dwar attitudni.
Ix-xhud spjegat li x-xoghol ma' Optical kien jikkonsisti f'nuccalijiet tax-xemx u '*optical frames'*.
Ix-xhud spjegat li peress li z-zewg *areas* kienu qishom hanut wiehed peress li ma kien hemm l-ebda divizorju jifridhom, l-impjegati kienu saru qrib sew ta' xulxin tant li anke jkunu mistiednin flimkien waqt il-*parties* tal-Milied.

Ix-xhud qalet li fil-mument hija tinsab impjegata ma' Nuance Group fejn ilha madwar sentejn.
Ix-xhud sostniet li hija baqghet tattendi ghax-xoghol sa kemm il-*Manager* ta' Classic qalilha sabiex ma tibqax tattendi aktar. Hija sostniet li li kieku ma rcevietx tali ordni kienet tibqa' tattendi ghax-xoghol maz-zewg impjegati shabha.
Ix-xhud tenniet li fl-impjieg taghha ma' Dufry m' kellhiex kundizzjonijiet ahjar milli kellha ma' Optical CCSG. Hija sahqet li fl-impjieg li kellha hadmet sas-26 tax-xahar u dan sa meta Malcolm u Alfred qalulha biex titlaq il-barra.
Ix-xhud innegat li hija ma kienetx uriet l-intenzjoni taghha li tibqa' tahdem maghhom tant li meta qalulha biex titlaq telghet hdejn shabha mbikkma u xxokkjata li ma kienux ser izommuha fl-impjieg. Hija qalet li wara cemplet lil Paul Fenech u qaltlu ghaliex ma kienux ser izommuha fl-impjieg u huwa qalilha

li ma kienetx f'idu *'... it's in my son-in-laws's hands, and that was it, I couldn't do anything else.'*
Hija sahqet li fl-ahhar *interview* li saritilha kien intqal lilha li certu hlasijiet bhal *overtime* kien ser jithallas bis-siegha siegha u ma jidhirx ghall-finijiet ta' taxxa ghaliex kien ser jinghata bhala cekk separat u hija qaltilhom li ma kienetx qed taqbel ghaliex riedet kollox skond il-ligi.
Ix-xhud stqarret li malli hija bdiet tittendi li kien ser ikun hemm problemi dwar il-futur tal-impjieg taghha kienet tkellmet ma' Ms. Pisani ta' Dufry.

**Stefan Stilon** xehed kemm permezz ta' affidavit u anke 'in persona' meta gie kontro-ezaminat. Huwa qal li jokkupa l-kariga ta' Direttur ma' Optical, kumpanija li kienet iffurmata bejn tlett azzjonisti b'sehem ugwali u li kienu SG Two Ltd., Class Co.Ltd., u Classic Group Ltd. Ix-xhud spjega li din il-kumpanija kienet intghazlet wara sejha pubblika sabiex tiggestixxi hanut tan-nuccalijiet gewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta, bil-hanut ikun jismu Classic Opticians.
Ix-xhud qal li f'dak l-istess zmien il-Classic Group Ltd., kienet ukoll intghazlet sabiex tiggestixxi hanut ezatt ma' genb dak moghti lill-Optical sabiex minnu tinbiegh gojjelerija. Huwa kompla li wara kien ingib permess mill-MIA sabiex infethet id-divizjoni li kienet tissepara z-zewg hwienet sabiex tinholoq 'esperjenza ta' xiri ahjar u komda ghall-klijenti'. Spjega li minkejja dan iz-zewg entitajiet (Optical u Classic) baqghu joperaw b'mod distint minn xulxin.
Ix-xhud kompla li meta huma bhala Optical kienu tefghu l-offerta sabiex jerga' jigi mgedded il-kuntratt tal-kera tal-*Area* (minkejja li Classic Group kienet infurmat li m' kienetx interessata), kienu konxji li Classic Group tefghet offerta sabiex tiggestixxi l-hanut hi.
Ix-xhud qal li huma kienu nfurmati li l-MIA kienu ghazlu l-offerta ta' Classic Group 35 jum biss qabel ma skada l-kuntratt ta' lokazzjoni. Dan irrizulta li Optical ma kelliex spazju minn fejn topera. B'rizultat ta' dan, id-Diretturi ta' Optical kienu nfurmaw lill-impjegati kollha illi l-offerta taghhom ma gietx accettata u l-hanut kien ser jinghalaq. Ix-xhud qal li l-impjegati kienu inghataw ittra, fejn kien gie spjegat lilhom is-sitwazzjoni u li bhala gest ta' rieda tajba Classic Group kienu ser jigu offruti possibilita ta' mpjieg ma' Classic. Huwa qal li l-ittra kienet saret bil-qbil tad-Diretturi kollha tant li kienu ffirmawha minghajr riservi.
Ix-xhud qal li fl-ahhar gurnata tax-xoghol, l-Appellanti ma kienetx dahlet tahdem ghaliex 'diga kellha *commitment* sabiex tahdem band'ohra. Huwa sahaq li qatt qabel ma kien qalilha sabiex dakinhar ma tersaqx lejn il-post tax-xoghol.
Ix-xhud sostna li fil-fehma tieghu ma kienx hemm 'trasferiment ta' negozju', tant li huma ma nghataw l-ebda kumpens la minghand l-MIA u l-anqas minn Classic Group u l-anqas minn terzi. Ix-xhud sahaq li z-zewg socjetajiet kienu tefghu l-offerti ghal kollox indipendenti u in kompetizzjoni ma' xulxin u li ma kienu

ghamlu l-ebda trattattivi jew diskussjonijiet li kien ser ikun hemm trasferiment ta' negozju.
Ix-xhud ikkonferma li li kieku huma hadu t-*tender* kienu ser jibqghu joperaw fuq l-istess *business* u ma kellhomx hsieb li jkeccu l-impjegati. Huwa irrijafferma li l-kumpanija Optical qieghda fi stadju li tkun likwidata.

**Mario Bugeja** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa mpjegat mall-Ministeru tal-Intern bhala *Head of Security* tad-Dept. of Aviation. Huwa spjega li l-Appellanti nhar il-25 ta' Mejju 2015 kienet gabret *security pass* mahrug lilha bhal persuna li tahdem fl-*area* ristretta tal-ajruport. Ix-xhud kompla li tali *pass* kien gie ritornat nahr it-12 ta' Settembru 2018. Ix-xhud spjega li t-talba sabiex isir dan il-*pass* issir mill-kumpanija li tkun timpjega lill-persuna u mhux mill-individwu, fejn qal li dwar l-Appellanti t-talba kienet saret minn Nuance Group. Ix-xhud qal li mhux f'posizzjoni jghid jekk qabel il-25 ta' Mejju 2015, l-Appellanti kienx inhargilha xi *pass* iehor ghaliex *data* dwar passijiet mahruga tinzamm biss ghal hames snin.

**Ignazio Salsedo** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa *Manager/Representative* ta' Dufry Malta. Ix-xhud stqarr li l-Appellanti kienet impjegata mall-kumpanija u spiccat is-sajf li ghadda f'Awwissu, fejn hadmet ghal tlett snin. Huwa kompla li hija kienet impjegata bhala *Sales Assistant* fid-Duty Free Shop.
Huwa spjega li l-kumpanija qabel kienet Nuance Group. Huwa qal li ma jafx dettalji dwar meta u kif hija giet impjegata ghaliex meta hija giet ingaggata huwa kien ghadu ma bediex jahdem Malta.

**Isabelle Pisani** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija l-*HR Manager* ta' Nuance Group. Hija qalet li l-Appellanti kienet bdiet tahdem maghhom nhar is-27 t'April 2015. Hija kompliet li xi gimgha qabel kien kellimha Martins il-*General Manager* ta' dak iz-zmien, fejn kien qalilha sabiex taghmel *interview* lill-Appellanti peress li hija kienet infurmatu li l-kumpanija li kienet tahdem maghha ser jaghlqu n-negozju u ma kellhiex l-impjieg taghha assigurat. Ix-xhud kompliet li l-Appellanti kienet giet impjegata fil-*premises* tal-kumpanija gewwa l-MIA, u dan bhala *sales assistance* nhar il-25 t'April 2015, a bazi ta' 30 siegha fil-gimgha ghaliex huma ma jimpjegawx *full-time*. Hija kompliet li l-Appellanti kienet damet fl-impjieg sat-12 t'Awwissu 2018 meta rrizenjat.
Ix-xhud qalet li lill-Appellanti l-*interview* kienet saritilha xi ftit jiem qabel qabdet tahdem maghhom.

**Doris Borg** bdiet billi qalet li hija kienet tahdem ma' Classic Jewellery ta' Mr. Fenech bhala *Sales Executive,* fil-hanut tal-ajruport fejn jinbieghu affarijiet tad-deheb u nuccalijiet, u dan sa mill-25 t'April 2015. Hija spjegat li fil-hanut kien hemm zewg *cashes,* wiehed tan-nuccalijiet u l-iehor tad-deheb. Hija qalet li qabel ma kienet qabdet tahdem hemmhekk kienet rat avviz ma' l-istess hanut, u tefghet applikazzjoni, u wara li ghamlet tlett *interviews* dahlet fl-impjieg fejn intervistaha Alfred D'Anastasi. Hija qalet li kienet inghatat tahrig minn Christine u Caroline. Ix-xhud qalet li lill-Appellanti tafha ghaliex kienet ratha

tahdem hemmhekk, izda ghalkemm ma kienetx tahdem fix-xift taghha, hadmet maghha xi darbtejn. Ix-xhud tenniet li kienet l-Appellanti stess li kienet qaltilha li kienet spiccat mix-xoghol ghaliex tkecciet u li dan kienet qalitulha meta t-tnejn kienu fl-impjieg. Ix-xhud stqarret li lis-Sur Stefan Stilon ma tafux.

**Caroline Debono** bdiet billi qalet li hija taf lill-Appellanti peress li kienu jahdmu flimkien ma' Cathedral Optical u wara fl-2012 ma' CCSG fejn bhala *Manager* kien hemm Stefan. Hija kompliet billi qalet li kienu kellimhom il-*Manager* u nfurmahom li l-hanut tal-ajruport fejn kienu jahdmu kien ser jaghlaq ghaliex dan il-lok kien ser jinfetah kollu ghall-Classic Group. Hija qalet li lilha, lil Christine u lill-Appellanti ta' Classic Group f'April 2015 kienu ghamlulhom *interview* individwali maqsuma fi tlett darbiet, fejn wara nfurmaw lilha (lix-xhud) li kienet ser tkompli tahdem maghhom flimkien ma' Christine. Hija kompliet li taf li l-Appellanti kellha xi diskussjonijiet rigward il-paga taghha, pero' taf li hija (l-Appellanti) ma baqghetx tahdem maghhom.
Ix-xhud kompliet li hija kienet iffirmat kuntratt gdid ma' Classic, u li l-kuntatt taghha ma' CCSG kien waqaf.
Ix-xhud qalet li taf li l-Appellanti qabel ma spiccat minn ma' CCSG u rrejalizzat li mhux ser tibqa' tahdem ghaliex kien qed ikollha disgwid waqt l-*interviews* ma' Classic Group u li kienet ghamlet xi *interview* ma' Nuance Group.
Ix-xhud tenniet li bejn it-tmiem tal-impjieg taghha ma' CCSG u dak ma' Classic ma kienx hemm perjodu fejn hija kienet disimpjegata. Hija qalet li sa fejn taf hi l-ahhar li hadmet maghhom l-Appellanti kien appena dahlet tahdem Doris.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**L-Avv. Veronica Perici Calascione** ghan-nom tas-Socjeta' CCSG bdiet billi ddikjarat li malli l-istess CCSG saret taf li ma rebhitx it-*tender* sabiex tibqa' tiggestixxi l-hanut gewwa l-ajruport, u konsegwenza t'hekk in-negozju taghha kien ser jittermina, hija baghtet ittra lill-impjegati kollha nkluz tal-Appellanti li l-impjieg taghhom maghha kien ser jigi terminat.
Hija kompliet li l-impjegati kollha thallsu dak kollu li kien dovut lilhom sa l-ahhar gurnata tal-impjieg taghhom.
L-Avv. Perici Calascione qalet li filwaqt li l-kuntratt li CCSG kellha mall-MIA dwar il-gestjoni tal-hanut kien jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2014, wara li t-*tender* intrebhet minn Classic Group, il-kuntratt ta' gestjoni tal-hanut bejn Classic u l-MIA kien jibda fl-1 ta' Jannar 2015. Hija tenniet li l-fatt illi CCSG baqghet topera wara l-iskadenza tal-kuntratt u dan bejn 01/01/15 u 25/04/15, dan kien purament mil-lat ta' tolleranza u ftehim ta' pratticita ta' *handover* da parti tas-Socjeta' Classic Group u sabiex ma jkunx hemm perjodu twil ta' *interruption of business*, minghajr mas-sit tal-hanut ikun operat.

L-Avv. Perici Calascione sostniet li f'dan il-perjodu wara li ghalqet il-kirja, xorta wahda l-obbligi u r-responsabbilitajiet dwar l-impjegati kienu diga' gew trasferiti s-Socjeta' Classic u dana wara illi kien sar it-trasferiment relattiv.
F'dan l-ambitu hija kkwotat b'mod estensiv l-legislazzjoni li tittratta t-trasferiment ta' negozju fejn incitat bosta partijiet relatati mall-kaz, fosthom fejn '*.. kull impjegat ta' min jittrasferixxi, fid-data tat-trasferiment tan-negozju ghandu jitqies li jkun fl-impjieg tal-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju..*'.
Hija tenniet li huwa car illi l-obbligi li kellha CCSG fil-konfront tal-impjegati kollha nkluz tal-Appellanti, konsegwentament ghat-trasferiment kellhom jigu assunti minn Classic Group u dan b'riflessjoni ta' dak stabbilit fl-Art 38(1) Kap. 452 u Reg 3A tal-L.S. 452.85. Hija sahqet li fid-dawl ta' dan, ghalhekk l-Appellanti kellha tibqa' fl-impjieg mas-Socjeta' Classic Group, hekk kif waqfet topera CCSG.
L-Avv. Perici Calascione rreferiet bhala fatt li l-Appellanti ma nzammitx fl-impjieg tal-istess Classic Group u dana ghal-ragunijiet totalment a skonoxxenza tas-CCSG.
Hija ghalqet billi sostniet li CCSG qdiet l-obbligi kollha taghha fil-konfront tal-Appellanti meta l-impjieg taghha gie mitmum minn ma' l-istess CCSG ghar-ragunijiet spjegati u bl-ebda mod ma kienet involuta fid-decizjoni illi s-Socjeta' Classic Group hadet sabiex ma timpjegax lill-Appellanti.

**Avv. Kevin F. Dingli** ghan-nom ta' Classic Group Ltd., beda billi qal li mill-atti jirrizulta li t-tmiem tal-impjieg tal-Appellanti minn mas-Socjeta' CCSG avvera ruhu fis-26/04/2015 u dan minkejja li l-istess Socjeta' kienet indikat fit-*termination letter* taghha ndirizzata lill-Appellanti illi t-tmiem tal-impjieg kellu jsehh fit-08/04/2015.
Huwa rrefera wkoll illi skont it-*Termination of Employment Form* dwar l-impjieg li l-Appellanti kellha ma' The Nuance Group M Ltd., hija kienet bdiet f'dan l-impjieg fis-27/04/2015 propju l-ghada li kienet giet terminata minn ma' CCSG.
F'dan il-kuntest l-Avv. Dingli kkwota minn xhieda ta' Stefan Stilon fejn dan qal li '*hija* (l-Appellanti) *ikkomunikat mieghi li diga' kellha commitment biex tahdem band'ohra*.
L-Avukat u anke rrefera ghal dak li xehdet Isabelle Pisani *HR* ta' Nuance fejn qalet li l-Appellanti kienet ghamlet *interview* lill-Appellanti gimgha qabel giet impjegata maghhom u dan wara li hija (l-Appellanti) kienet kellmet lill-*Gen.Manager* ta' Nuance dwar il-fatt illi skont hi (l-Appellanti) ma kellhiex *job* assigurat.
L-Avv. Dingli sostna illi peress illi l-Appellanti ma dahlitx ghax-xoghol ma' CCSG fl-ahhar gurnata u billi minnufih dahlet ghall-*job* ma' kumpanija ohra, allura dan ifisser illi ma setax ikun veru illi hija tkecciet mix-xoghol da parti tas-Socjeta' Classic Group.
Huwa sahaq illi ghall-kuntrarju Classic Group kienet disposta illi tkompli bl-impjieg tal-Appellanti bl-istess mod kif kompliet maz-zewg impjegati l-ohra ta'

CCSG, izda kienet ir-rikorrenti stess illi ma accettatx li l-impjieg taghha jinqaleb ghal fuq Classic Group, u fil-fatt fittxet xoghol band'ohra. Huwa rrefera bhala stat ta' fatt illi l-*employment history* tal-Appellanti turi illi qabel ma hija stess terminat l-impjieg taghha, hija kienet impjegata ta' CCSG u illi fil-fatt qatt ma kienet inqalbet ghal fuq il-kotba tas-socjeta' Classic Group.
L-Avv. Dingli qies bhala naturali illi Classic Group ghamlet intervisti mall-Appellanti meta kienet ghadha mpjegata ma' CCSG minhabba illi n-natura tax-xoghol taghha kien sejjer jinbidel xi ftit. Huwa sostna li evidentament dana l-kambjament prospettat lill-Appellanti ma ghogbithiex.
Huwa ghalaq billi qal li jirrizulta carissmu illi l-Appellanti rrikorriet ghal dawn il-proceduri bil-ghan biss illi tipprova takkwista xi haga tal-flus minghand is-Socjetajiet intimati u jirizulta wkoll illi l-istess Appellanti ma sofriet l-ebda telf finanzjarju ta' xejn u certament illi ma ppruvat l-ebda tali telf.

**Avv. Marion Camilleri** ghan-nom tal-Appellanti bdiet billi ddikjarat illi l-aktar punt importanti li ghandu jqies dan it-Tribunal hija s-sentenza tal-Imh.Ant.Ellul fejn iddikjara u kkonferma illi f'dan il-kaz kien hemm '*transfer of business*'.
Hija kompliet illi min-naha tas-Socjetajiet intimati qishom qed jippruvaw jaghtu l-impressjoni illi kien hemm l-intenzjoni illi lill-Appellanti jkomplu bl-impjieg taghha, izda mix-xhieda jirrizulta li l-fatti ma kienux hekk.
Wara hija ghaddiet ghal dak li qed jinghad min-naha l-ohra li l-Appellanti ma kellhiex xi telf ta' xi danni. L-Avv. Camilleri sahqet illi l-konsiderazzjoni ma ghandhiex tkun ibbazata fuq li l-Appellanti ma soffritx danni ghax sabet impjieg, izda ghax jidher nuqqas fl-agir taghha s-Socjeta' u awtomatikament jiskatta d-danni li tkun sofriet il-parti l-ohra.

- **Decizjoni**

It-Tribunal fela bir-reqqa dovuta kull dokument esebit inkluz, u xtarr b'attenzjoni l-argumenti kollha kif zvolgew matul il-process, u wasal ghall-konkluzjoni li din il-litigazzjoni sehhet ghaliex ma kienx hemm gharfien la li dak li sehh bejn Optical (CCSG) Ltd., u bejn Classic Group kienet tikkostitwixxi trasferiment ta' negozju u wisq anqas tal-obbligazzjonijiet konnessi ma' tali trasferiment da parti ta' dik l-entita' li lilha jigi trasferit in-negozju.

U allura huwa propju f'din l-inkwadratura li dan it-Tribunal kellu jiddelibera jekk it-telfien tal-impjieg tal-Appellanti Farrugia kienx wiehed validu 'ai termini' tal-**Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 'Regolamenti dwar Harsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju.**

It-Tribunal dan ghamlu fl-isfond tal-fatti kollha li hargu matul dan il-process u b'mod partikolari s-segwenti:

1. Grupp ta' mpjegati u li l-Appellanti kienet wahda minnhom kienu gew avzati minn Optical (CCSG) Ltd., li l-impjieg taghhom kien ser jigi fi tmiemu. Dan kien sar permezz ta' ittra datata 8 ta' Dicembru 2014, iffirmata minn Stephan Stilon, Paul Fenech u Robert Tua. Fl-istess korrispondenza hemm dikjarazzjoni cara li Classic Group '*has agreed to re-employ you immediately after termination with CCSG'*.

2. L-ittra legali datata 8 ta' Lulju 2015 iffirmata mill-Avv. Veronica Perici Calascione, Optical (CCSG) Co., Ltd., lill-Appellanti Farrugia fejn jinghad li '*the termination of your employment occurred after our clients failed to successfully tender and re-acquire the lease of the establishment, they run at the M.I.A.* ***This tender was subsequently won by Classic Group Ltd.****'*

3. L-ittra mahruga mill-ETC (illum Jobsplus) mibghuta lill-Appellanti Farrugia datata 9 ta' Lulju 2015, fejn turi li l-impjieg tal-Appellanti Farrugia minn ma' Optical (CCSG) Co., Ltd kien intemm fis-26 t'April 2015 bir-raguni ndikata tkun '*Business Close Down*'.

4. Iz-zewg laqghat li saru bejn l-Appellanti u ufficcjali ta' Classic Group, dwar kundizzjonijiet tax-xoghol li kienu qed jigu offruti lilha 'in seguito' ta' dak li sehh bejn is-Socjetajiet intimati, liema laqghat ma kellhomx ezitu posittiv u fejn fl-intier taghhom il-kundizzjonijiet offruti ma kienux l-istess li l-Appellanti Farrugia kellha ma' Optical (CCSG) Co.,Ltd.

5. Dwar dawn il-laqghat mall-Appellanti, Alfred Anastasi, *Manager* ma' Classic Group li jiehu hsieb il-hwienet tal-Ajruport bil-gurament xehed, ' *..Jiena gejt ikkuntattjat mill-HR Dept., taghna fejn qaluli biex naghmel xi interviews ghal xi nies ghax kellna xi vacancies dak iz-zmien u Ann kienet wahda mis-Salespersons..', '...ghamilna l-interview kif naghmlu normali ma' kullhadd fejn imbaghad wara analizzajna min ghandu jidhol jekk jiffittjax fil-post jew le…', 'il-konkluzjoni taghna kienet illi ma tiffittjax fir-role', '...kien hemm giex okkazjonijiet. Darba iltqajna maghha u darba fejn ghednilha li ma' kinitx maghzula'*.

6. Filwaqt illi l-kollegi taghha ma' CCSG, Caroline Debono u Christine Vella zammew l-impjieg taghhom ma' Classic Group, kienet l-Appellanti Farrugia biss li ma gietx mizmuma fl-impjieg. Dan ikkonfermah Paul Fenech *Managing Director* ta' Classic Group meta fix-xhieda tieghu stqarr '*..u mbaghad gew b'rakkomandazzjoniji biex nimpjegaw biss lil Caroline u l-ohra Christine u lil Ann* (l-Appellanti) *taw rakkomandazzjoni li ma tigiex impjegata.'*

7. L-Appellanti xehdet li wara cemplet lil Paul Fenech u qaltlu ghaliex ma kienux ser izommuha fl-impjieg u fejn huwa qalilha *'... it's in my son-in-laws's hands, and that was it, I couldn't do anything else.'*
8. B'referenza ghall-Appellanti Farrugia u n-Nuance Group, Caroline Debono, kollega tal-Appellanti meta kienet fl-impjieg ma' Optical u li kompliet fl-impjieg ma' Classic xehdet '… *ghax meta rrealizzat li mhux ha tkun hemmhekk* (ma' Classic Group) *kienet marret taghmel interviews mall-ohrajn* (ma' Nuance Group)*'.*

Dwar dan l-ahhar fatt, dan it-Tribunal jifhem illi l-Appellanti appena giet konxja li wara l-intervisti li ghamlulha ta' Classic Group hija ma kienetx ser tinzamm fl-impjieg bhal kollegi taghha fittxet li tiehu passi sabiex ikollha '*security of employment*'.

Dan it-Tribunal m'ghandux dubju li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant minn mas-Socjeta' Optical (CCSG) Co. Ltd., datata is-26 t'April 2015, sehhet unikament b'rizultanza ta' trasferiment ta' negozju u allura mhux bi ksur tal-Kap 452 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan it-Tribunal jaghraf li appena dahal fis-sehh it-trasferiment ta' negozju riferut f'dan il-process, trasferiment ta' negozju li gie konfermat mill-Qorti tal-Appell, skatta **Art 38 (1) tal-Kap 452**. Fejn jinghad li '**kull impjegat fl-impjieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju ghandu jitqies li jkun fl-impjieg tal-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju ghandha tassumi d-drittijiet kollha u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi ghandu rigward l-impjegat'.**

Obbligu li minn dak li hareg matul il-process, Classic Group bhala s-Socjeta' li lilha gie trasferit in-negozju qatt ma gharfu li ghandhom. Tant illi waqt ix-xhieda tieghu Paul Fenech *Managing Director* ta' Classic Group fuq mistoqsijiet tal-Avv. Dingli stqarr hekk '*u fil-fatt ma mpjegajnihiex from day one…. qatt ma hadmet.*'.

Dan it-Tribunal jaghraf li s-Socjeta' Classic Group, ma ottempratx ruhha ma' dak li kienet obbligata tosserva fil-**Legislazzjoni Sussidjarja 452.85** u dan meta f'laqghat li ghamlet mall-Appellanti pproponiet diminuzzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xoghol li l-Appellanti kellha ma' Optical (CCSG) Co. Ltd.

It-Tribunal hawnhekk jaghmel referenza ghal-**Legislazzjoni Sussidjarja 452.85** u propju **Artiklu 3A (1)** tal-legislazzjoni riferuta fejn jispecifika li: '**wara trasferiment, il-kuntratt tal-impieg ta' kull persuna li kienet giet impjegata minn min qed jittrassferixxi ghandu jkollu effett daqs li kieku sar originrjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tircievi t-trasferiment.**' Ukoll **Artiklu 5 (3)** tal-legislazzjoni riferuta jispecifika wkoll li :

**Kull meta trasferiment li jinvolvi bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xoghol ghad-detriment tal-impjegat jirrizulta fit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' l-impjieg, il-principal ghandu jitqies li kien responsabbli ghal tali terminazzjoni'.**

Tramite l-istess deliberazzjoni, dan it-Tribunal gie konvint li kienet l-insistenza ta' Classic Group., li tbiddel/tnaqqas il-kundizzjonijiet tax-xoghol li l-Appellanti kellha ma' Optical (CCSG) Co. Ltd.., li wasslet li l-impjieg li kellha l-Appellanti ma jibqax fis-sehh.

Tenut kont ta' dan kollu, dan it-Tribunal jiddikjara li unikament responsabbli ghat-terminazzjoni tal-impjieg in kwistjoni hija s-Socjeta' Classic Group, u li din it-terminazzjoni saret bi ksur tal- Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal jqis is-somma ta' €2,300 bhala kumpens gust, u jordna li tali kumpens ghandu jithallas lill-Appellanti mis-Socjeta' Classic Group, fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt illi mmedjatament wara t-temm ta' l-impjieg in kwistjoni l-Appellanti kisbet impjieg iehor simili izda dan kien b'kundizzjonijiet inferjuri.

Dan it-Tribunal ha konjizzjoni tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh.Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deciza nhar 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deciza minn l-istess fit-23 t'April 2018 fejn gie stabbilit li: 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) KAP 452, it-Tribunal ghandu diskrezzjoni u trid tkun proporzjonata jew ragonevoli. Li l-Arbitru tat-Tribunal ghandu jkun wiehed boni viri bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell tal-bonus pater familias'.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**